MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1235/2009

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita’ numru 258269 ittra “M”, bhala mandatarju specjali ta’ JLO HOLDING COMPANY, LLC, kumpannija estera registrata fl-Istat ta’ Delaware bin-numru ta’ registrazzjoni 3678234 u b’indirizz ta’ negozju ta’ c/o Murphy & Kress Inc., 2401 Main Street, Santa Monica, CA, Stati Uniti tal-Amerika, kif ukoll ta’ JENNIFER LOPEZ, persuna fizika estera ta’ nazzjonalita’ Amerikana u b’indirizz ta’ negozju ta’ Murphy & Kress Inc., 2401 Main Street, Santa Monica, California 90405, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs.**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b’digriet tal-11 ta’ Frar 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil**

**OCEAN VIEW INTERNATIONAL ta' 440 Market Road, Nnewi, Anambra State, Nigerija**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors gurament ta' Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' JLO HOLDING COMPANY, LLC, kumpanija estera registrata fl-Istat ta' Delaware bin-numru ta' registrazzjoni 3678234 u b'indirizz ta' negozju ta' c/o Murphy & Kress Inc., 2401 Main Street, Santa Monica, CA, Stati Uniti tal-Amerika, kif ukoll ta' JENNIFER LOPEZ, persuna fizika estera ta' nazzjonalita` Amerikana u b'indirizz ta' negozju ta' Murphy & Kress Inc., 2401 Main Street, Santa Monica, California 90405, Stati Uniti tal-Amerika, datat it-18 ta' Dicembru 2009 a fol 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-attrici JENNIFER LOPEZ (maghrufa wkoll bhala "JLO"), artista u negozjanta Amerikana ta' fama mondjali, hija detentrici ta' diversi jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali li jkopru l-attivitajiet varji ta' natura kummercjali taghha, filwaqt li permezz tas-socjeta' taghha JLO HOLDING COMPANY, LLC *inter alia* jigu zmercjati prodotti tal-linja kummercjali taghha, u din is-socjeta' tiddetjeni jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali in konnessjoni mal-istess.

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, l-attrici JENNIFER LOPEZ kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mal-isem taghha li jigi wkoll uzat kummercjalment mis-socjeta' taghha JLO HOLDING COMPANY, LLC bhala *trademark* registrat f'isem l-istess socjeta' attrici *inter alia* fuq diversi prodotti fosthom prodotti li jaqghu fi klassi 3 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taht in-*Nice Agreement* (kif sussegwentement emendat), liema klassi tinkorpora wkoll prodotti ta' sapun.

Illi min-naha taghha u bhala rizultat tal-intrapriza tal-attrici JENNIFER LOPEZ, is-socjeta’ attrici JLO HOLDING COMPANY, LLC ukoll akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi fir-rigward tal-attivitajiet kummercjali taghha dwar servizzi u prodotti konnessi mal-attrici JENNIFER LOPEZ fosthom dwar prodotti li jaqghu fi klassi 3 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta’ Prodotti u Servizzi taht in-Nice Agreement (kif sussegwentement emendat), liema klassi tinkorpora wkoll prodotti ta’ sapun.

Illi s-socjeta’ attrici JLO HOLDING COMPANY, LLC ghandha validament irregistrat bhala *trademark* l-isem u l-kunjom tal-attrici JENNIFER LOPEZ, liema *trademark* huwa protett f’Malta bhala *trademark* maghruf, u dan it-trademark jinsab registrat *inter alia* dwar diversi prodotti fosthom sapun u prodotti ohrajn fi klassi 3 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta’ Prodotti u Servizzi taht in-*Nice Agreement* (kif sussegwentement emendat). *Oltre* dan, l-attrici JENNIFER LOPEZ tgawdi minn drittijiet tal-awtur applikabbli f’Malta dwar l-immagni stampata taghha.

Illi *inter alia*, is-socjeta’ attrici JLO HOLDING COMPANY, LLC ghandha validament irregistrati f’isimha bhala *trademarks* Komunitarji s-segwenti u cjioe’ J.LO BY JENNIFER LOPEZ (kliem, nru. 002370328 – b’effett f’Malta mill-1 ta’ Mejju 2004) u STILL JENNIFER LOPEZ (kliem, nru. 004139721 – b’effett f’Malta mill-24 ta’ Novembru 2004), u dawn it-*trademarks* jinsabu registrati dwar diversi prodotti fosthom sapun u prodotti ohrajn fi klassi 3 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta’ Prodotti u Servizzi taht in-*Nice Agreement* (kif sussegwentement emendat).

Illi kemm is-socjeta’ attrici JLO HOLDING COMPANY, LLC u kif ukoll l-attrici JENNIFER LOPEZ huma detenturi ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali u jinsabu debitament irregistrati mal-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet rilevanti ta’ ligi fosthom tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found*

*to have infringed such rights* u tal-**Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** (**Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta**), biex b'hekk *inter alia* jgawdu mill-protezzjoni moghtija fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 10, 2. 1 (a)** u, jew **(b), 16** u **17** tal-istess **Council Regulation (EC) No 1383/2003** fost ohrajn, kif ukoll tal-**artikoli 2 (1) (a)** u, jew **(b), 4** u **8 (1)** tal-istess **Kap. 414** fost ohrajn.

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 1 1. tal-*Council Regulation EC No. 1383/2003*** u fl-**artikolu 4 tal-Kap. 414**, il-Kontrollur tad-Dwana issosspenda r-rilaxx tal-*container TRLU 9058124* kontenenti kwantita' ta' *soap bars* gewwa pakketti u l-pakketti gewwa kaxxi, liema oggetti kollha fihom sinjali prominenti "Jennifer Lopez" (soap bars), "Jennifer López" / "Jennifer Lopéz" (pakketti) u "Jennifer López" (kaxxi) *oltre* (fil-kaz tal-pakketti) ghal rapprezentazzjonijiet kbar tal-profil ta' wicc kwazi identiku ghal dak tal-attrici JENNIFER LOPEZ, u dawn l-oggetti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura ta' trasbord ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* ndikata fuq il-polza ta' karigu relattiva bhala OCEAN VIEW INTERNATIONAL, b'indirizz ta' 440 Market Road, Nnewi, Anambra State, Nigerja, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lill-atturi dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi wara li kemm is-socjeta' attrici JLO HOLDING COMPANY, LLC u kif ukoll l-attrici JENNIFER LOPEZ ezaminaw ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, gie minnhom ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet rispettivi taghhom dwar proprjeta' intellettwali. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddielhom kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat DRAFT BILL OF LADING fejn, fil-kaxxa dwar *consignee* hemm indikat OCEAN VIEW INTERNATIONAL, b'indirizz ukoll hemmhekk indikat ta' 440 Market Road, Nnewi, Anambra State, Nigerja.

Illi effettivament allura, l-oggetti mertu ta' din il-vertenza, li skont il-Kontrollur tad-Dwana jammontaw ghal 109,368 pakkett sapun (*oltre* ghall-kaxxi kontenenti l-istess pakketti), jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali kemm ta' JLO HOLDING COMPANY, LLC u kif ukoll ta' JENNIFER LOPEZ *stante* li oggetti falsifikati u, jew mdahhla b'piraterija. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 6 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikolu *6bis* u ohrajn tal-Paris *Convention for the Protection of Industrial Property* tal-20 ta' Marzu 1883 (kif sussegwentement emendat), tal-**artikolu 50** u ohrajn tal-**Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta), tal-Artiklu 9 1. (b) tal-*Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community trade mark*, tar-regolament numru 9 tal-Avviz Legali 233 tal-2003**, kif ukoll tal-**artikoli 7, 42, 43, 44** u ohrajn tal-**Att dwar Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sat-18 ta' Dicembru 2009 (inkluz) sabiex tinghatalu prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

Iilli f'dawn ic-cirkustanzi, tenut kont tal-**artikolu 161 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u kwindi tal-fatti li, fl-ewwel lok sija l-mertu tal-kaz tas-socjeta' attrici JLO HOLDING COMPANY, LLC u sija wkoll l-mertu tal-kaz tal-attrici JENNIFER LOPEZ jittrattaw dwar l-istess oggetti u li, fit-tieni lok, generalment il-provi fiz-zewg kazi huma l-istess, qed tigi promossa kawza wahda, ukoll ghall-ahjar ekonomija tal-gudizzju.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita' ta' *soap bars* gewwa pakketti u l-pakketti gewwa kaxxi, liema oggetti kollha fihom sinjali prominenti "Jennifer Lopez" (*soap bars*), "Jennifer López" / "Jennifer Lopéz" (pakketti) u "Jennifer López" (kaxxi) *oltre* (fil-kaz tal-pakketti) ghal rapprezentazzjonijiet kbar tal-profil ta' wicc kwazi identiku ghal dak tal-attrici JENNIFER LOPEZ, u kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container TRLU 9058124 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet rispettivi dwar proprjeta' intellettwali ta' JLO HOLDING COMPANY, LLC u ta' JENNIFER LOPEZ.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici JLO HOLDING COMPANY, LLC u lill-attrici JENNIFER LOPEZ, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' – l-konvenuta.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u, jew tat-tielet talbiet gudizzjarji, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghha.

Rat l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok "A" sa Dok. "L" kif jidhru esebiti minn fol. 8 sa fol. 45 tal-process.

Rat id-digriet datat 11 ta' Frar 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-intimat.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex jinstema' fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati datata 8 ta' Marzu 2010 a fol. 262 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda esebita tal-kuraturi deputati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti nhar il-25 ta' Marzu 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana fit-13 ta' Novembru 2009 (Dok. "C") issosspenda r-rilaxx tal-*container TRLU 9058124* kontenenti kwantita' ta' *soap bars* gewwa pakketti u l-pakketti gewwa kaxxi, liema oggetti kollha fihom sinjali prominenti "Jennifer Lopez" (soap bars), "Jennifer López" / "Jennifer Lopéz" (pakketti) u "Jennifer López" (kaxxi) *oltre* (fil-kaz tal-pakketti) ghal rapprezentazzjonijiet kbar tal-profil ta' wicc kwazi identiku ghal dak tal-attrici JENNIFER LOPEZ, u dawn l-oggetti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura ta' trasbord ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* ndikata fuq il-polza ta' karigu relattiva bhala OCEAN VIEW

INTERNATIONAL, b'indirizz ta' 440 Market Road, Nnewi, Anambra State, Nigerja, l-entita' intimata odjerna u l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lill-atturi dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspettuzi sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi wara li kemm is-socjeta' attrici JLO HOLDING COMPANY, LLC u kif ukoll l-attrici JENNIFER LOPEZ ezaminaw ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, gie minnhom ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet rispettivi taghhom dwar proprjeta' intellettwali u dan kif jirrizulta mir-rapport immarkat bhala Dok. "LSO2", u ghalhekk jirrizulta li l-istess oggetti jikkontravjenu d-drittijiiet tal-atturi resistrati kif jidher minn Dok. "F" sa "G", u ghalhekk jirrizulta li l-pretensjonijiet attrici gew ippruvati, mhux kontestati, u ghalhekk prevja li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni mit-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma` l-istess, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita' ta' *soap bars* gewwa pakketti u l-pakketti gewwa kaxxi, liema oggetti kollha fihom sinjali prominenti "Jennifer Lopez" (*soap bars*), "Jennifer López" / "Jennifer Lopéz" (pakketti) u "Jennifer López" (kaxxi) *oltre* (fil-kaz tal-pakketti) ghal rapprezentazzjonijiet kbar tal-profil ta' wicc kwazi identiku ghal dak tal-attrici JENNIFER LOPEZ, u kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* TRLU 9058124 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravjenu d-drittijiet rispettivi dwar proprjeta' intellettwali ta' JLO HOLDING COMPANY, LLC u ta' JENNIFER LOPEZ.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-konvenuta.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba *stante* dak provdut fit-tieni talba tal-azzjoni attrici.

4. Tordna li l-entita’ konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba gudizzjarja, nkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-entita’ konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------